DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ..................................... DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

**PAWLU REDUX**

*2 Att, 6 Xena, p.73 (M)*

## PAWLU

**PAWLU R-REDUX FIS-CYBER SPACE.**

*(Ikompli minn p.52.)*

*(Jiftaħ programm fuq il-kompjuter u jibda jittajpja)* Il-fajls tiegħi – dawk mhu se jarahom ħadd. Il-kitba tiegħi – għoxrin sena xogħol, Dennis. Għoxrin sena... Sempliċi disketta u tiġborlok ħajtek kollha fuq biċċa plastik. U taħseb li se nħallihielhom – li se npaxxihom?

Naf kif jaħdem moħħhom jien, Dennis – naf. Dawk moħħhom żgħir – prevedibbli u predittibbli! L-ewwel l-envelops, imbagħad l-ittri... imbagħad il-kitba tiegħi! L-ewwel jagħlquli ħalqi – l-ewwel isikktuni – imbagħad iduru għall-kitba tiegħi, il-kitba tiegħi… għal dan *(il-kompjuter)*, hawn ġew, moħħi magħsur u ppakkjat lest u kemm jiftħu u jgħawru ġewwa fih.

Tgħidhiex! Le, mhix paranoja din! Mhijiex, qed tifhem? Dak li jridu dawk! Kemm jikklikkjaw buttuna u mbagħad oħra, u jaqrawli moħħi kollu... sa ma jsibuli ruħi! Isibuli ruħi – u jqaċċtuhieli barra!

Imma jien infottihom – jien!... Hekk! – Eject! Din ma jarawha qatt. Ħadd u qatt! U issa – Delete! Kollox! Bid-DOS, ir-RAM, il-cache u l-virtual reality b'kollox! U addijo – addijo Pawlu r-Redux fis-cyber space! *(<148)*

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ..............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p. 73